MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Numru. 1251/2007

**Il-Pulizija**

**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Jeffrey Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeffrey Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 354869(M).

Akkuzat talli:

1. F'Gunju 2002, u fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalijiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew benefficju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partkolarità sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir b'l-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll lill-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (nautical license) ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq;

Rat it-talba wkoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u

Rat it-talba wkoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex sabiex fil-kaz ta’ htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 184, 186, u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 76 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni u l-konferma ta’ tali ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Jeffrey Farrugia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante illi l-ewwel tlett akkuzi huma assorbiti fir-raba’ akkuza qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------